

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1019**

tas-16 ta' Ġunju 2017

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belaruſsja

(ĠU L 155, 17.6.2017, p. 6)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1439 tat-8 ta' Awwissu 2017	L 206	1	9.8.2017

▼B**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1019****tas-16 ta' Ġunju 2017**

li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarus

Artikolu 1

1. Jiġi impost dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwija bis-sħana, irrumblati jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar u wkoll dawk li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar. L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi. Prodotti twal oħrajn, bħalma huma staneg tondi huma esklużi. Il-prodott ikkonċernat joriġina mill-Belarus u attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10 u ex 7214 99 95 (kodiċijiet TARIC: 7214 10 00 10, 7214 20 00 20, 7214 30 00 10, 7214 91 10 10, 7214 91 90 10, 7214 99 10 10, 7214 99 95 10).

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 10,6 %.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali

*Artikolu 2***▼M1**

L-ammonti garantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2303 għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti li jaqbżu r-rata definittiva u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping għall-prodott għandhom jiġu rilaxxati.

▼B*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.